MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Numru 1304/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**Vs**

**Simon Parnis**

**Illum 18 ta' April, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Simon Parnis ID 135966 (M) mwieled Pieta' fil-01/03/1966 bin Anthony u Annie nee' Parnis u residenti "Bellavista" Triq l-Imdina Attard.

Billi huwa akkuzat talli fi 21 t'Ottubru 2006 ghall-habta ta' 13.00 hrs gewwa Haz- Zebbug (Malta) bil-hsieb li jaghmel

delitt u cioe li jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu Parnis Maria Rita, wera l-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta filwaqt li kellu l-kontroll u / jew kien qieghed isuq vettura numru GAU 883 ghamla Peugeut 406 saq fid-direzzjoni tal-imsemmija persuna liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidetali u indipendenti mil-volonta tieghu.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura numru GAU 883 ghamla Peugeot 406 b’sewqan eccessiv u b’manjira traskurata, negligenti u perikoluz.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddet bi kliem lil martu Parnis Maria Rita.
Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci publika b’ghajjat u glied u qal kliem oxxen u indicenti li jikonsisti f’dagha fil-pubbliku.

U aktar talli fil-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ probation ghal-sena liema sentenza hija datata 18/05/2006 (Mag. Dr. A. J. Vella LL. D.) u li giet definnitiva u ma tistghax tigi mhassra ikkommetta reat punibbli bi prigunerija.

U fl-ahhar akkuzat ukoll talli kiser garanzija moghtija lilu taht l-artikolu 383 tal-Kap 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta mill-Qorti tal-Magistrati (Mag. Dr. A. J. Vella LL. D.) liema garanzija hija datata 18/05/2006.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tiskwalifika lill-imsemmi Simon Parnis milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal- istess Parnis Maria Rita billi torbot lil hati b’obbligazzjoni taht penali ta’ somma flus li l-Qorti jidrilha xieraq.

U fl-ahhar, il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll li tohrog ordni ta’ protezzjoni u / jew ordni ta’ trattament fil-konfront ta’ Simon Parnis u dan skond kif hemm mahsub fl-artikolu 412 (c) u 412 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MC 3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Richard Sladden ghall-parte civile Maria Rita Parnis presenti fl-Awla, iddikjara li l-imsemmija parte civile qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli u li tahfirlu tal-akkadut. Inoltre l-istess Dr Richard Sladden ghall-parte civile iddikjara li s-sitwazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile issa ippacifikat ruhha.
Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda tirtira l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat u t-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika li l-Qorti tohrog ordni ta’ protezzjoni u / jew ordni ta’ trattament fil-konfront ta’ Simon Parnis u dan skond kif hemm mahsub fl-artikolu 412 (c) u 412 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tat-tieni akkuza, tar-raba’ akkuza, tal-hames akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, rega’ wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza, tar-raba’ akkuza, tal-hames akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 15 (1) (a) (2) u (3) tal-Kap. 65 u t-Tieni Skeda tal-istess Kap. 65, ir-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128 ta’ l-1994, l-artikoli 338 (dd), 338 (bb), 342 u 383 tal-Kap.

9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Simon Parnis, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza, tar-raba’ akkuza, tal-hames akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat minn Dr Richard Sladden ghall-parte civile Maria Rita Parnis fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, inkwantu ghat-tieni akkuza tikkundanna lill-imsemmi imputat Simon Parnis ghall-piena ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 232.94) multa ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm100), inkwantu ghar-raba’ akkuza tikkundanna lill-imsemmi imputat Simon Parnis ghall-piena ta’ tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta’ Euro ammenda (Euro 58.23) ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25), inkwantu ghall-hames akkuza tikkundanna lill-imsemmi imputat Simon Parnis ghall-piena ta’ hames mija u tnejn u tmenin Euro u erba’ u tletin centezmi ta’ Euro (Euro 582.34) multa ekwivalenti ghall-mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250) u nkwantu ghas-sitt akkuza tikkundanna lill-imsemmi imputat Simon Parnis ghall-piena ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 232.94) multa ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm100).

Rigward l-ewwel akkuza irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Inkwantu ghat-tielet akkuza tiddikjara procediment esawrit rigward din it-tielet akkuza stante rinunzja.

Inoltre, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15 (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Simon Parnis milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

Finalment, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Simon Parnis b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 232.94), ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------